By means of a decree of the 9th September, 2025, in the records of the judicial letter number 3176/2025, in the names Advocate Dr Ian Barbara noe vs Mariella Seguna the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Mariella Seguna in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 11th July 2025

To: Mariella Seguna (ID 168288M) of 70, Summer Vale, Fl. 4, Triq Tal-Buttar, Marsaskala

By the present Dr Ian Barbara (ID 113998M) of 123, Triq Melita, Valletta, on behalf and in representation of the absent Albert Francis Macre (ID 0054663G) residing in the United States, solicits you so that immediately you vacate from apartment 4, 70, Summer Vale, Triq Tal-Buttar, Marsaskala, as you still occupy the premises above mentioned without any title according to law. In the light of this, reference is made to the contract of sale dated 23rd November, 2022, published in the records of Notary Dr Joseph Smith La Rosa de Cristoforo by means of which the interpellant bought the premises in question from you on the condition that you are allowed to reside in this property till the 30th November, 2023. Over a year and seven months have passed since the day you had to vacate this premises, but you still live there. You are formally solicited to vacate the said premises by not later than 31st August, 2025. Any electricity and water bills till the day you continue to occupy the premises owned by the interpellant and other expenses are to be paid solely by you.

Fin-nuqqas li tivvaka l-fond sad-data fuq imsemmija, l-mittenti se jipprocedi kontrik skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

If you fail to vacate the premises by the date above mentioned, the interpellant shall proceed against you according to law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

With costs and legal interest.

Registry of the Superior Courts, today 2nd October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2497

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-25 ta' Settembru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 879/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet mitluba fuq l-Att tat-Twelid numru 3232/2001 kif ukoll fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 1632/2008, (u mhux 1225/2008 kif eronjament indikat fir-rikors promotur) biex l-isem u kunjom ta' Lawrenza Alfreda Mallia jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Stephanie Ruth' għal 'Lawrenza Alfreda' u minn 'Welch' għal 'Mallia' rispettivament.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 25th September, 2025, and upon an application numbered 879/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary corrections or annotations on the Act of Birth number 3232/2001 as well as on the Act of Marriage number 1632/2008 (and not 1225/2008 as was erroneously indicated in the applicant's petition), so that the name and surname of Lawrenza Alfreda Mallia may be changed by annotation from 'Stephanie Ruth' to 'Lawrenza Alfreda' and from 'Welch' to 'Mallia' respectively.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 1st October, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2498

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-30 ta' Settembru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 899/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet mitluba fuq l-Att taż-Żwieġ numru 2137/2021 biex l-isem tal-familja jiġi mibdul minn 'Fernandez Martins Migliorato' għal 'Migliorato' biss.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 30th September, 2025, and upon an application numbered 899/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary corrections or annotations on the Act of Marriage number 2137/2021 so that the family name may be changed from 'Fernandez Martins Migliorato' to 'Migliorato' only.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 1st October, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2499

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-30 ta' Settembru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 918/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet mitluba fuq l-Att tat-Twelid numru 2528/2024 biex isem tal-minuri 'Luc Magellan David' jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Luc Magellan' għal 'Magellan'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 30th September, 2025, and upon an application numbered 918/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary corrections or annotations on the Act of Birth number 2528/2024 so that the name of the minor 'Luc Magellan David' may be changed by annotation from 'Luc Magellan' to 'Magellan'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 1st October, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2500

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Ġunju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 495/2025MH, fl-ismijiet: IWS Global Limited vs Aisa Saeid Ahmed Alefa, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: IWS Global Limited (C68332) vs Aisa Saeid Ahmed Alefa (126054A) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-20 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċoè bid-dispensa tas-smigħ;

2. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma komplessiva ta' erbgħa u ħamsin elf ewro (€54,000) bilanċ minn somma akbar rappreżentanti ħlas għal servizzi reżi mis-soċjetà rikorrenti lill-intimat fuq ordni tiegħu stess, jew somma verjuri li għandha tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bżonn bl-għajnua ta' perit nominandi;

3. Tordna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjetà rikorrenti dik is-somma hekk likwidata, kollox skont kif ġie ddikjarat aktar 'il fuq għar-raġunijiet premessi.

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 495/2025MH fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-31 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th June, 2025, in the records of the Sworn application number 495/2025MH, in the names: IWS global Limited vs Aisa Saeid Ahmed Alefa, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: IWS global Limited (C68332) vs Aisa Saeid Ahmed Alefa (126054A) filed in the Civil Court First Hall on the 20th May, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Decide the cause on the basis of Article 167 of Cap. 12 of the Laws of Malta and namely without proceeding to a hearing;

2. Declare that the respondent is a debtor of the applicant company in the global sum of fifty four thousand euro (€54,000) balance from a larger sum representing payment for services rendered by the applicant company to the respondent on his own order, or a true sum to be liquidated by this Honourable Court, if necessary with the help of an architect nominated;

3. Order the respondent to pay the applicant company that sum so liquidated, everything as stated above for the reasons premised.

With all costs and legal interest against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 495/2025MH in the names mentioned above is postponed to 31st October, 2025, at 9.00 a.m.

Notifika Intimat: Aisa Saeid Ahmed Alefa (126054A), The Quay, Fl. 1, Ix-Xatt, Ta' Xbiex

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification respondent: Aisa Saeid Ahmed Alefa (126054A), The Quay, Fl. 1, The Strand, Ta' Xbiex

Registry of the Superior Courts, today 2nd October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2501

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Awwissu, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1303/24MH, fl-ismijiet: Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Datcroft Games Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Datcroft Games Ltd (C64338) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Novembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors bħala kopja uffiċjali tagħha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv;

2. Tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokument miegħu anness jiġu notifikati lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att ġudizzjarju.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1303/24MH fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-27 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Datcroft Games Ltd (C64338), No. 2, Triq Geraldu Farrugia, Ħaż-Żebbuġ

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 29th August, 2025, in the records of the Sworn application number 1303/24MH, in the names: The Commissioner of Revenue and Customs vs Datcroft games Ltd, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: The Commissioner for Revenue and Customs vs Datcroft games Ltd (C64338) filed in the Civil Court, First Hall, on the 28th November, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order the registration of the document annexed to this application as an official copy thereof so that the same document constitutes an executive title;

2. Order that a copy of this application and of the document attached thereto be notified to the respondent company according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta, as if this application and this document were a judicial act.

The Sworn application number 1303/24MH in the names mentioned above is postponed to 27th October, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Datcroft games Ltd (C64338), No 2, Triq Geraldu Farrugia, Ħaż-Żebbuġ

Registry of the Superior Courts, today 2nd October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2502

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-1 ta' Settembru, 2025, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 01st September, 2025, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 15th January, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Il-proprjetà li tikkonsisti minn appartament fit-tielet sular (second floor) inkluż żewġ kmamar tal-bejt (washroom) kif suġġetti għad-drittijiet favur terzi kif imsemmija iktar 'l isfel, u parti indiviża tal-komun. L-appartament huwa internament immarkat bin-numru tlieta (3) u bl-isem 'Redeemer Flat', u jinsab fuq in-naħa tax-xellug meta tħares lejn il-faċċata, formanti minn kumpless ta' bini li jikkonsisti f'terran u garaxx fl-ewwel sular b'entratura privata, żewġ appartamenti sovrastanti fit-tieni sular u żewġ appartamenti fit-tielet sular, wieħed minn dawn tal-aħħar tnejn huwa l-appartament numru tlieta (3), aċċessibbli minn entratura komuni fl-ewwel sular li tinsab bejn il-pjan terran u l-garaxx, f'Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq, l-imsemmi appartament huwa konfinanti min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mil-Lvant ma' proprjetà tal-werrieta ta' Luigi Ellul u mill-Punent ma' proprjetà ta' Emanuel Spiteri, kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €5.43 fis-sena, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u bl-arja.

Is-sehem indiviż tal-partijiet komuni u servizzi jikkonsisti minn entrata, tromba tat-taraġ u kamra fuq it-taraġ li tagħti aċċess għall-bejt. It-taraġ ta' tliet sulari jibda mit-terran (aċċessibbli minn entrata/bieb ta' barra tal-komun), u jkompli sal-livell tal-bejt. L-appartament numru wieħed (1) u l-maisonette tal-pjan terran ukoll igawdu d-dritt li jinstallaw tank tal-ilma, aerial/satellita, eċċ., u dritt ta' aċċess għal tiswija u manutenzjoni għall-istess, fuq l-ogħla saqaf jew waħda mill-kmamar tal-ħasil.

L-appartament numru tlieta (3) għandu s-saqaf u l-ispazju tal-ajru kollu fejn it-terzi (sidien ta' appartament numru 1) għandhom dritt għal użu u aċċess inperpetwu għall-kamra tal-bejt ta' ċirka 12.87 metru kwadru u l-parti mill-bejt li hija l-parti diviża tal-istess proprjetà hija ta' ċirka 27.23 metru kwadru. Minħabba li l-arja hija żviluppabbli, il-fond jista' jiżdied b'sular ieħor, imma minħabba drittijiet tat-terzi, il-kmamar ta' fuq il-bejt eżistenti jridu jerġgħu jinbnew fuq is-saqaf tas-sular il-ġdid li jista' jinbena, u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Joseph Debono datat il-ħdax ta' Lulju, tas-sena elfejn u sebgħa (11.7.2007) u stmat li jiswa mitejn u sittin elf ewro (€260,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Pace Brian (KI 385381M) u Pace Mary Fleur (KI 475679M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 45/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 2 ta' Ottubru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The property which consists of an apartment on the second-floor level, including two washrooms, as subject to third party rights as mentioned hereunder, and the undivided share of the common area. The apartment is internally marked number three (3) and is named 'Redeemer Flat' and is situated on the left side when one looks towards the facade, forming part of a complex of building consisting of a ground floor and a garage at ground floor level with a private entrance, two apartments underlying the first floor and two apartments on the second floor, one of the latter two is the apartment number three (3), accessible from a common entrance at ground floor level, which is situated between the ground floor level and the garage, in Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq, the said apartment is bounded on the South with the said street, east with property of the heirs of Luigi Ellul and west with property of Emanuel Spiteri, as subject to the annual and perpetual ground rent of €5.43 each year, with all its rights and appurtenances, and with its airspace.

The undivided share of the common parts and services consists of an entrance, stairwell, and a room on the stairs giving access to the roof. The three flight stairs start from the ground floor (accessible from an entrance/common area front door) and continues till the roof level. The apartment number one (1) and the maisonette at ground floor level all enjoy the right to install a water tank, aerial/satellite, etc., and the right to access for repairs and maintenance of the same, on the highest roof or one of the washrooms.

The apartment number three (3) has the roof and all the airspace where the third parties (owners of apartment number 1) have the perpetual right of use and access to the washroom of approximately 12.87 square meters and part of the roof which is the divided part of the same property of approximately 27.23 square metres. Because the airspace is developable, the property may be developed by another floor, however because of third party rights, the existing washrooms on the roof shall be rebuilt on the roof of the new floor that may be built, and this as described in the acts of Notary Joseph Debono dated eleventh of July of the year two thousand and seven (11.7.2007) and is valued at two hundred and sixty thousand euro (€260,000).

The said tenement is the property of Pace Brian (ID 385381M) and Pace Mary Fleur (ID 475679M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 45/2020.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 2nd October, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2503

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Settembru, 2025, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 19 ta' Frar, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-penthouse flimkien mal-arja tagħha, bin-numru sebgħa (7) sitwat fit-third floor level ta' blokka mingħajr isem imma bin-numru erbgħa (4) li jifforma parti minn kumpless akbar, bla numru, bl-isem Fontanella Gardens, fi Triq il-Kappillan Joseph Hili, Il-Fontana, Għawdex, li huwa aċċessibbli minn parti komuni ta' taraġ u lift li jagħti għal fuq it-terrazzin ta' quddiem il-penthouse, inkluż is-sehem relattiv għal partijiet komuni tal-blokka li jinkludi l-entrata, taraġ, turġien, axxensur u x-xaft tiegħu u s-sistema tad-drenaġġ u jgawdi minn dritt ta' użu perpetwu bir-riġel minn dawk l-entrati, walkways u passageways li mit-triq pubblika jwasslu għall-penthouse. Il-penthouse hija konfinanti mit-Tramuntana minn proprjetà ta' Simon Grech u Island Developments Limited, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Zammit Brothers u mal-Punent ma' triq interna privata.

Il-garaxx internament numerat għaxra (10) ta' karozza waħda, sitwat fil-livell ta' basement, fl-istess kumpless Fontanella Gardens u aċċessibbli minn driveway komuni u rampa komuni li tiżbokka fuq Triq il-Kappillan Joseph Hili, Il-Fontana, Għawdex, u jgawdi flimkien mal-garaxxijiet l-oħra li għandhom l-istess aċċess, dritt ta' użu perpetwu, kemm bil-vettura kif ukoll bir-riġel, inkwantu d-driveway interna u rampa li tiżbokka fi Triq il-Kappillan Giuseppe Hili.

Il-kumpless Fontanella Gardens huwa bla numru u huwa konfinanti mit-Tramuntana bl-imsemmija triq pubblika, in parti ma' proprjetà ta' Joseph Debono, in parti ma' proprjetà ta' Mario Cassar, in parti ma' proprjetà ta' George Camilleri, in parti ma' proprjetà ma' Euchar Bezzina u in parti ma' proprjetà ta' terzi u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-familja Zammit u in parti ma' proprjetà ta' Louis Farrugia u mill-Punent ma' sqaq li jiżbokka fi Triq il-Għajn u in parti ma' proprjetà ta' Joseph Spiteri u mil-Lvant in parti ma' proprjetà ta' Felic Micallef u in parti ma' proprjetà tal-aħwa Portelli. Iż-żewġ proprjetajiet huma liberi u franki, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghhom, b'dan illi l-arja tal-penthouse fuq imsemmi hija suġġettta għas-servitù favur it-tliet appartamenti sottostanti għal finijiet ta' installazzjoni ta' aċċessorji u dan kif deskritt fl-att tan-Nutar Anthony Hili tad-disgħa ta' Lulju, tas-sena elfejn u sebgħa (9.7.2007) u stmati li jiswew mitejn u tmienja u tmenin elf ewro (€288,000).

L-imsemmija penthouse u garaxx huma proprjetà ta' Hynes David Owen (passaport numru PA 4359237) u Mandy Connaughton Hynes (passaport numru R798992).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 23rd September, 2025, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 19th February, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The penthouse with its airspace, numbered seven (7) situated on the third floor level of a block unname but numbered four (4) which forms part of a larger unnumbered complex, named Fontanella Gardens, in Triq il-Kappillan Joseph Hili, Fontana, Gozo, that is accessible from a common area of stairs and lift overlooking the front terrace of the penthouse, including the relative share from the block's common areas which consist of the entrance, the stairs and stairwell, the lift and the lift shaft and the drainage system and enjoys the right of perpetual use by foot from the entrances, walkways and passageways that lead from the public street to the penthouse. The penthouse is bounded on the north by property of Simon Grech and Island Developments Limited, on the South by property of Zammit Brothers and on the west by the internal private road.

The one car garage internally numbered ten (10), situated on the basement level of the same complex Fontanella Gardens and accessible through a common driveway and common ramp which abuts unto Triq il-Kappillan Joseph Hili, Fontana, Gozo, and enjoys with the other garages that have the same access, the right of perpetual use, both by vehicle and also by foot, of the internal driveway and the ramp that abuts onto Triq il-Kappillan Giuseppe Hili.

The complex Fontanella Gardens is unnumbered and is bounded on the north by the said public street, in part by property of Joseph Debono, in part by property of Mario Cassar, in part by property of George Camilleri, in part by property of Euchar Bezzina, and in part by property belonging to third parties, on the south in part by property of the Zammit family and in part by property of Louis Farrugia and on the west in part by an alley which abuts unto Triq il-Għajn and in part by property of Joseph Spiteri and on the east in part by property of Felic Micallef and in part by property of the siblings Portelli. Both properties are free and unencumbered, with all their rights and appurtenances, this however that the penthouse airspace is subject to the servitude in favour of the three underlying apartments for installation of accessories purposes and this as described in the acts of Notary Anthony Hili dated ninth of July of the year two thousand and seven (9.7.2007) and are valued at two hundred and eighty eight thousand euro (€288,000).

The said penthouse and garage are the property of Hynes David Owen (passport number PA 4359237) and Mandy Connaughton Hynes (passport number R798992).

N.B. L-imsemmija penthouse u garaxx jinbiegħu bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 60/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 2 ta' Ottubru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said penthouse and garage will be sold as described in the acts of judicial sales number 60/2022.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 2nd October, 2025.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2504

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Settembru, 2025, fuq talba ta' Dott. Peter Fenech maħtur bħala stralċarju fil-proċeduri ta' Falliment ta' Jonathan Pace, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 3 ta' Marzu, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1 Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament immarkat bin-numru wieħed (1) sitwat fl-ewwel sular (ground floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u sebgħin elf ewro (€170,000);

L-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) sitwat fl-ewwel sular (first floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u tmenin elf u tmien mitt ewro (€180,800);

L-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) sitwat fit-tieni sular (second floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u tmenin elf u tmien mitt ewro (€180,800);

Penthouse internament immarkata bin-numru erbgħa (4) sitwata fir-raba' sular (fourth floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, bl-arja libera tagħha stmata li tiswa mija disgħa u erbgħin elf u sitt mitt ewro (€149,600);

L-appartament numru wieħed (1) igawdi u huwa suġġett għal dawk is-servitujiet inerenti mill-pożizzjoni relattiva tiegħu fil-blokk li jinkludu fost oħrajn il-passaġġ ta' pajpijiet tal-ilma, drenaġġ u kif ukoll is-servizzi li huma komuni mal-proprjetajiet sovrastanti kif ukoll id-dritt ta' użu gratwit, mhux interrot u inperpetwu trasferibbli li terzi 'ad infintum' tal-partijiet kollha intiżi għall-użu komuni u liema dritt ta' użu jitgawda inkomuni mal-appartamenti l-oħra fil-blokk bid-dritt ta' aċċess għal fuq il-bejt limitat biss għal installazzjoni u manutenzjoni ta' tank tal-ilma ta' mhux aktar minn ħames mitt litru (500lt) fuq l-ogħla bejt tal-blokk u għall-installazzjoni u manutenżjoni ta' satellite dish komuni

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 19th September, 2025, following a request of Dr Peter Fenech appointed as liquidator in Jonathan Pace's bankruptcy proceedings, Tuesday, 3rd March, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in room number 78 nearby the Courts Archieve, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment internally marked number one (1) is situated on ground floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and seventy thousand euro (€170,000);

The apartment internally marked number two (2) is situated on the first floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and eighty thousand and eight hundred euro (€180,800);

The apartment internally market number three (3) is situated on the second floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and eighty thousand and eight hundred euro (€180,800);

Penthouse internally marked number four (4) situated on the fourth floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, with its own free airspace valued at one hundred and forty-nine thousand and six hundred euro (€149,600);

The apartment number one (1) enjoys and is subject to those servitudes resulting from its relative position within the block which include among others the passage of water pipes, drainage and also the services that are in common with the overlying properties as well as the right of guarantee use, uninterrupted and in perpetual transferable to third parties 'ad infintum'of all the parts intended for common use and which right of use is enjoyed in common with the other apartments in the block with right of access to the roof only limited to install and maintenance of a water tank of no more than five hundred litres (500lt) on the highest roof of the block and for the installation and maintenance of a common satellite dish

u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono tal-ħdax ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (11.6.2009).

Mal-appartamenti numri tnejn (2) u tlieta (3) u l-penthouse jinkludi l-partijiet komuni kollha fil-blokk u li jgawdu u huma suġġetti għal dawk is-servitujiet inerenti mill-pożizzjoni relattiva tagħhom ġewwa l-istess blokk li jinkludu fost oħrajn il-passaġġ ta' pajpijiet tal-ilma, drenaġġ u kif ukoll is-servizzi li huma komuni mal-proprjetajiet sovrastanti u sottostanti u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono tal-wieħed u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (21.3.11).

Maisonette fil-livell terran (ground floor level) bin-numru erbgħa (4) bl-isem 'Shelik' formanti parti minn kumpless bl-isem 'Eureka' mingħajr l-arja tiegħu u liema kumpless jinsab f'Misraħ Karmenu Grima qabel magħrufa Triq it-Tagħlim, Iż-Żejtun, formanti parti mill-art jisimha Is-Saliba jew Mastru Gidelu jew Mastru Galutin konfinanti mil-Lvant mal-parti stradali (Misraħ Karmenu Grima, preċedentement magħrufa bħala Triq it-Tagħlim) liberu u frank kif suġġett għas-servitujiet li jirriżultaw mill-pożizzjoni tiegħu fosthom ta' mogħdija ta' katusi u servizzi li jservu il-proprjetà sovrastanti u sottoposti u dritt ta' użu in perpetwu u mhux interrot li jinstalla tank tal-ilma ta' ħames mitt litru (500 lt) fuq fuq l-ogħla bejt tal-blokk u għall-installazzjoni u manutenzjoni ta' satellite dish komuni u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa tal-erbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (14.5.2008) stmat li jiswa mitejn u ħamsa u erbgħin elf ewro (€245,000);

Ħanut kantuniera fil-livell terran (ground floor level) bl-isem 'Tyson Butcher' u nnumerat ħmistax (15) fi Kanonku Giovanni De Domenico, Iż-Żejtun, mingħajr l-arja tiegħu, kif suġġett għas-servitujiet li jirrizultaw mill-pożizzjoni tiegħu sottopost għal proprjetà ta' terzi li jinkludi sistema ta' drains u drenaġġ komuni, mill-bqija liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Vanessa Buttigieg tas-sbatax ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (17.9.2009)stmat li jiswa mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

L-imsemmi appartament numru wieħed (1) f'Ħaż-Żabbar, il-ħanut 'Tyson Butcher' u l-maisonette bl-isem 'Shelik' fiż-Żejtun huma proprjetà tal-mejjet Jonathan Pace (KI 277083M) u l-appartamenti numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgħa (4) huma proprjetà tal-mejjet Jonathan Pace (KI 277083M) u Melanie Pace (KI 650082M)

N.B. L-imsemmija proprjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 13/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 2 ta' Ottubru, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and this as described in the acts of Notary Reuben Debono of the eleventh June of year two thousand and nine (11.6.2009).

With apartments numbers two (2) and three (3) and the penthouse includes all the common parts in the block and are subject to those servitudes arises from their relative position within the same block which include among others the passage of water pipes, drainage and also the services that are common with the overlying and underlying properties and this as described in the acts of Notary Reuben Debono of the twenty first of March of year two thousand and eleven (21.3.11).

Maisonette on the ground floor numbered four (4) named 'Shelik' forming part of a complex named 'Eureka' without its airspace and which complex is situated in f'Misraħ Karmenu Grima before known as Triq it-Tagħlim, Żejtun, forming part from a land named Is-Saliba or Mastru Gidelu or Mastru Galutin bounded on the East by the street (Misraħ Karmenu Grima, previously known as Triq it-Tagħlim) free and unencumbered and subject for those servitudes resulting from its position which include among others the passage of pipes and services to serve the overlying and underlying property and with the right of use in perpetual and uninterrupted to install water tank of no more than five hundred litres (500 lt) on the highest roof of the block and install and maintenance of common satellite dish and this as described in the acts of Notary Joseph Smith La Rosa of the fourteen May of year two thousand and eight (14.5.2008) valued at two hundred and forty five thousand euro (€245,000);

Corner shop on the ground floor level named 'Tyson Butcher' and numbered fifteen (15) in Kanonku Giovanni De Domenico, Żejtun, without its airspace, subject to servitudes resulting from its position underlying third party property which includes common drains and drainage system, the rest is free and unencumbered with its right and appurtenances as described in the acts of Notary Vanessa Buttigieg of seventeen September of year two thousand and nine (17.9.2009) valued at two hundred and thirty (€230,000).

The said apartment number one (1) apartment in Ħaż-Żabbar, the shop 'Tyson Butcher' and the maisonette named 'Shelik' in Żejtun are property of the deceased Jonathan Pace (ID 650082M) and the appartments number two (2), three (3) and four (4) in Ħaż-Żabbar are property of the deceased Jonathan Pace (ID 277083M) and Melanie Pace (ID 650082M).

N.B. The said properties will be sold as described in the acts of judicial sales number 13/2021.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 2nd October, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Awwissu, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1798/2025, fl-ismijiet Bernd Seidl vs Shark77 Limited, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Shark 77 Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 21 ta' April, 2025

Lil Shark 77 Limited (C78760) ta' Vault 14, Level 2, Valletta Waterfront, Il-Furjana

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, Bernd Seidl, detentur tal-passaport Awstrijak bin-numru U2207285, residenti Westbahnstrabe 33/8, Wien, 1070, l-Awstrija, rappreżentat mill-Avukat Dott. Marlon Borg, detentur tal-karta tal-identità numru 304189M (kopja tal-prokura qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A') qiegħed jinnotifikak skont ir-Regolament (UE) numru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2006, li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea, bil-European Order for Payment maħruġa skont l-artikolu 12 tar-Regolment kif ukoll b'Declaration of Enforceability maħruġa skont l-artikolu 18 tar-Regolment, maħruġa mill-Qorti ta' Bezirksgericht für Handelssachen Wien, bil-lingwa Ġermaniża (hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. B') u bil-lingwa Ingliża (hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. C').

Għaldaqstant, il-mittenti nonime qiegħed jinterpellak sabiex fi żmien ta' mhux aktar tard minn jumejn (2) min-notifika tiegħek ta' din l-ittra, tħallas l-ammont kumplessiv ta' erba' u għoxrin elf, mitejn u sittax-il ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€24,216.34), rappreżentanti s-sorte fl-ammont ta' għoxrin elf, tliet mija u għoxrin ewro (€20,320), l-ispejjeż ġudizzjarji u legali fl-ammont ta' elfejn, mitejn, u dsatax-il ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€2,219.52), u l-imgħax bir-rata ta' erbgħa fil-mija (4%) fis-sena li beda jidekorri mill-31 ta' Marzu, 2023, u li sal-21 ta' April, 2025, jammonta għas-somma ta' elf, sitt mija, sitta u sebgħin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€1,676.82), b'riżerva għall-imgħax ulterjuri li jibqa' jiddekorri sad-data tal-pagament effettiv.

F'każ illi inti tibqa inadempjenti oltre t-terminu lilek stipulat, il-mittenti nomine mhux se jkollu għażla oħra għajr illi jipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi, inkluż bil-ħruġ tal-mandati eżekuttivi lilu spettanti.

Tant sabiex tkun avżat għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż

By means of a decree of the 6th August, 2025, in the records of the judicial letter number 1798/2025, in the names Bernd Seidl vs Shark 77 Limited, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Shark77 Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 21st April, 2025

To: Shark77 Limited (C78760) of Vault 14, Level 2, Valletta Waterfront, Floriana

By the present judicial letter, Bernd Seidl, holder of Austrian passport number U2207285, residing in Westbahnstrabe 33/8, Wien, 1070, Austria, represented by Advocate Dr Marlon Borg, holder of identity card number 304189M (copy of the power of attorney is hereby attached and marked as 'Doc. A') is notifying you in accordance with Regulation (EU) number 1896/2006 of the European Parliament and of the Council of 12th December, 2006, creating a procedure for a european order for payment, with the european Order for Payment issued in accordance with Article 12 of the Regulation as well as a Declaration of Enforceability issued in accordance with Article 18 of the Regulation, issued by the Bezirksgericht für Handelssachen Wien Court, in the German language (hereby attached and marked as 'Doc. B') and in the English language (hereby attached and marked as 'Doc. C').

Thus, the interpellant nonime is calling upon you so that within not later than two (2) days from the notification of this letter, you pay the global amount of twenty four thousand, two hundred and sixteen euro and thirty four cents (€24,216.34), representing the capital in the amount of twenty thousand, three hundred and twenty euro (€20,320), judicial and legal costs in the amount of two thousand, two hundred and nineteen euro and fifty two cents (€2,219.52), and interest at the rate of four per cent (4%) per annum commencing on the 31st March, 2023, and which till the 21st April, 2025, amounts to the sum of one thousand, six hundred and seventy six euro and eighty two cents (€1,676.82), saving further interest which shall run till the date of effective payment.

In case you remain in default beyond the time stipulated to you, the interpellant nomine will have no alternative but to proceed against you according to law, including by issuing the executive warrants due to him.

So much so that you be notified for all intents and purposes of law.

With costs

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today 3rd October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2506

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Awwissu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3437/2024, fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Limited vs Pavel Stankovic et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Pavel Stankovic u Pavic Doko a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 et sequitur.

By means of a decree of the 28th August, 2025, of the Courts of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 3437/2024, in the names Atlas Insurance PCC Limited vs Pavel Stankovic et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Pavel Stankovic and Pavic Doko in terms of Article 187(3) of Cap. 12 et sequitur.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

In the Courts of Magistrates (Malta)

Illum 9 ta' Ottubru, 2024

Today 9th October, 2024

Lil Pavel Stankovic (KI 0360395A) ta' 57, Flat 6, Christ Church Court, Triq in-Nazzarenu, Tas-Sliema

To Pavel Stankovic (ID 0360395A) of 57, Flat 6, Christ Church Court, Triq in-Nazzarenu, Tas-Sliema

Pavic Doko (passaport numru 82697760) ta' Maria Immakulata, Triq Salvatore Zarb, Ħal Għargħur

Pavic Doko (passport number 82697760) of Maria Immakulata, Triq Salvatore Zarb, Ħal Għargħur

Permezz tal-preżenti Atlas Insurance PCC Limited (C5601) ta' 50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, tagħmel referenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fit-2 ta' Novembru, 2023, fi Triq il-Lariġ, Ħ'Attard, meta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CEC 996 proprjetà tiegħek Pavel Stankovic, misjuqa minnek Pavic Doko u assikurat mis-soċjetà mittenti, ħabtet mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ONP 682 li kienet ipparkata, appartenenti lil terzi.

By the present Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) of 50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, refers to the vehicle accident which occurred on the 2nd November, 2023, at Triq il-Lariġ, Ħ'Attard, when vehicle bearing registration number CEC 996, owned by yourself Pavel Stankovic driven by yourself Pavic Doko and insured with the interpellant company collided with vehicle bearing registration number ONP 682 that was parked ,owned by thrid parties.

Fuq l-iskorta tal-fatti u ċirkostanzi tal-inċident awtomobilistiku de quo, is-soċjetà mittenti għandha biżżejjed evidenza sabiex tavżakom illi intom ksirtu l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni u l-obbligi tagħkom skont l-istess polza u dan stante li fl-ewwel lok inti Pavic Doko ma kontx persuna awtorizzata sabiex issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CEC 996, liema vettura setgħet tinstaq biss mill-persuna speċifikament indikati fil-polza għall-fini ta' kopertura. Għalhekk in vista ta' dan, intom prekluži milli tinvokaw l-istess polza sabiex tkopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi inċident awtomobilisitiku.

Based on the facts and circumstances of the vehicle accident in question the interpellant company has enough evidence to inform you that you have violated the conditions of the insurance policy and your obligations acording to the said policy and this in view of the fact you Pavic Doko was not an authorised person to drive the vehicle bearing registration number CEC 996 which vehicle could only be driven as specifically indicated in the policy for the purpose of cover. Therefore, in view of this, you are precluded from invoking the said policy to cover any right or obligation arising from the vehicle accident in question.

Di più, is-soċjetà mittenti tgħarrafkom li t-terz u l-assikiurazzjoni tiegħu (debitament surrogata minnu) ippreżentaw ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Settembru, 2024, fl-ismijiet Gasanmamo Insurance Limited vs Pavic Doko et fejn qegħdin iżommu lilek Pavic Dako responsabbli għall-inċident awtomobilistiku fuq riferit u qegħdin jitolbu l-kundanna tiegħek u tas-soċjetà mittenti għall-ħlas tad-danni konsegwenzjali ammontanti għal €1,498.10;

Furthermore, the interpellant company informs you that the third party and his insurance (duly subrogated by him) filed a judicial letter in the Court of Magistrates (Malta) on the 24th September, 2024, in the names GasanMamo Insurance Limited vs Pavic Doko et whereby they are holding you Pavic Dako responsible for the car accident above referred to and are demanding you and the interpellant company to pay the consequential damages amounting to €1,498.10;

Dan premess, is-soċjetà mittenti tavżakom li jekk it-terz li ġarrab id-danni fl-imsemmi inċident jistitwixxi proċeduri ġudizzjarji kontrikom jew min minnkom u javża lis-soċjetà mittenti hekk kif jipprovdi l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew istitwiti tali proċeduri, liema avviż għandu l-effett li jobbliga lis-soċjetà mittenti li tagħmel tajjeb hija lit-terz fil-każ ta' sentenza definittiva b'esitu sfavorevoli għalikom, jew min minnkom u jkun jirriżulta li l-esitu tal-istess proċeduri kien attwalment hekk sfavorevoli, allura s-soċjetà mittenti tagħmel tajjeb għad-danni għall-imgħax għall-ispejjeż ġudizzjari u għall-VAT skont il-każ, però qiegħda tavżakom minn issa stess li mbagħad se tipprevalixxi ruħha mid-dritt tagħha skont il-liġi li tesiġi rifużjoni sħiħa mingħandkom ta' kulma tkun ħallset f'danni, imgħax ispejjeż ġudizzjarji u VAT.

Daqstant sabiex tagħrfu tidderiġu ruħkom.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 3 ta' Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This being said, the interpellant company is hereby warning you that in the event that a third party who sustained damages as a result of the said accident files judicial proceedings against you, either or both and informs the claimant company as provided in Cap. 104 of the Laws of Malta that such proceedings have been instituted which notification has the effect of obliging the claimant company to make good itself in favour of the third party in the event of a definitive judgement with a negative outcome for yourselves, either or both and it will result that such outcome is in fact unfavourable, then the interpellant company would have to make good for the damages, judicial interest, judicial costs and VAT as the case may be, however is warning you both from now that it will then avail itself of its right according to law to claim an entire refund of all it would have paid in damages judicial interest, judicial costs and VAT.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs and legal interest.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 3rd October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2507

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Lulju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1559/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Richard Anthony Tua ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Richard Anthony Tua a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 22 ta' April, 2024

Lil Richard Anthony Tua (KI 440953M) ta' Palma Cottage, Tal-Palma, limiti tal-ImMġarr

